

Brussell, 11 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12760/25

POLCOM 235
SERVICES 57
COTRA 24
TELECOM 299
DATAPROTECT 211

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 480 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim dwar il-kummerċ diġitali mal-Kanada

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 480 final.

Mehmuż: COM(2025) 480 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.9.2025
COM(2025) 480 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim dwar il-kummerċ diġitali mal-Kanada

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Id-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija tbiddel l-iskala, l-ambitu u l-veloċità tal-kummerċ internazzjonali. Tippermetti li n-negozji jilhq u jbigħu oġġetti u servizzi lil għadd akbar ta' konsumaturi madwar id-dinja u żżid haġna l-għażla tal-konsumatur. Dan jippermetti wkoll li n-negozji jużaw għodod diġitali ġodda u innovattivi biex jegħlbu l-ostakli għat-tkabbir. B'mod partikolari l-intrapriżi ż-żgħira u ta' daqs medju (SMEs) jibbenefikaw minn dawn l-opportunitajiet u jistgħu jintegraw aħjar fil-ktajjen tal-valur globali.

Il-kummerċ fl-oġġetti u s-servizzi b'mezzi elettroniċi ("kummerċ diġitali"¹) qed jikber fl-importanza fuq skala globali. Il-kummerċ diġitali jinkludi kemm il-konsenja fiżika ta' oġġetti u servizzi li x-xiri tagħhom huwa attivat b'mod diġitali (bħax-xiri ta' ktieb permezz ta' pjattaforma tal-internet) kif ukoll it-twassil diġitali ta' oġġetti u servizzi (bħal software, kotba elettroniċi jew flussi ta' data), li jinvolvi kemm tranżazzjonijiet bejn in-negozji kif ukoll bejn in-negozji u l-konsumaturi. Għe stmat li fl-2022 il-valur globali tal-kummerċ elettroniku laħaq it-EUR 22.84 triljun, żieda ta' 10 % mill-2021, li kien jirrappreżenta madwar 30 % tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) globali².

Hemm għadd dejjem jikber ta' regoli nazzjonali li jirregolaw l-ekonomija diġitali li jistgħu, b'mod involontarju jew bi skop, jirriżultaw f'ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ diġitali. Sabiex tittejjeb iċ-ċertezza legali għan-negozji u jiġi ffaċilitat il-kummerċ diġitali, il-pajjiżi madwar id-dinja ppruvaw jistabbilixxu regoli dwar il-kummerċ diġitali. F'Lulju 2024, aktar minn 90 Membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) ikkonkludew b'suċċess in-negozjati għal Ftehim plurilaterali dwar il-Kummerċ Elettroniku³. Ladarba jiġi integrat fil-qafas legali tad-WTO, dan il-ftehim se jirrappreżenta l-ewwel sett ta' regoli globali dwar il-kummerċ diġitali. F'dawn l-aħħar snin, ġie żviluppat ukoll għadd dejjem akbar ta' ftehimiet reġjonali u bilaterali dwar il-kummerċ diġitali⁴. Minbarra l-Ftehimiet ta' Kummerċ ħieles inklużi regoli komprensivi dwar il-kummerċ diġitali, bħal daww mar-Renju Unit, iċ-Ċili, u New Zealand⁵, l-UE nnegozjat u ffirmat ukoll Ftehim dwar il-Kummerċ Diġitali (DTA, Digital Trade Agreement) ma' Singapore u kkonkludiet negozjati għal DTA simili mar-ir-Repubblika tal-Korea ("il-Korea")⁶.

¹ Internazzjonalment ta' spiss tintuża b'mod interkambjabbli ma' "kummerċ elettroniku".

² UNCTAD. Business e-commerce sales and the role of online platforms. [Business e-commerce sales and the role of online platforms - UNCTAD Technical notes on ICT for development | No. 1](#) - \$27 triljun b'medja tar-rata tal-kambju USD/EUR ta' 0,8459 EUR fl-2021.

³ L-organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. "Joint Statement Initiative on E-Commerce." [WTO | Joint Statement Initiative on E-Commerce](#)

⁴ F'Ġunju 2020, Singapore, iċ-Ċili u New Zealand iffirmaw Ftehim ta' Sħubija dwar l-Ekonomija Diġitali (DEPA) maċ-Ċili u ma' New Zealand. Il-Korea talbet li tipparteċipa fid-DEPA f'Settembru 2021, iċ-Ċina talbet li tipparteċipa f'Ottubru 2021 u l-Kanada f'Mejju 2022. Ara wkoll pereżempju, il-Ftehim dwar l-Ekonomija Diġitali bejn Singapore u l-Awstralja (li daħal fis-seħħ f'Diċembru 2020), il-Ftehim dwar l-Ekonomija Diġitali bejn Singapore u r-Renju Unit (li daħal fis-seħħ f'Ġunju 2022) u l-Ftehim ta' Sħubija Diġitali bejn Singapore u l-Korea (iffirmat fl-21 ta' Novembru 2022).

⁵ Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, ĠU L 149, 30.4.2021, p 10-2539; *Il-Kummissjoni Ewropea, UE-Ċili: Test tal-Ftehim, <https://policy.trade.ec.europa.eu>, Il-Kummissjoni Ewropea-New Zealand: It-test tal-Ftehim, <https://policy.trade.ec.europa.eu/>*

⁶ COM(2023) 230 final 9 (14.04.2023).

Ir-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada li huma diġà liberalizzati u msaħħa permezz tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA), li ilu jiġi applikat b'mod proviżorju mill-2017⁷. F'Novembru 2023, l-UE u l-Kanada komplew isaħħu r-relazzjoni tagħhom bħala sħab strateġiċi u tal-istess fehma fil-qasam diġitali billi nedew Sħubija Diġitali bejn l-UE u l-Kanada, li ttipprovdi qafas għal kooperazzjoni regolatorja dwar il-politiki diġitali f'oqsma ewlenin ta' interess reċiproku. L-UE u l-Kanada jikkooperaw ukoll mill-qrib fil-kuntest tal-G7, fejn f'Ottubru 2021 approvaw il-Prinċipji tal-Kummerċ Diġitali tal-G7⁸, li juru l-impenn konġunt tagħhom għal ekonomija diġitali miftuħa, ġusta u sigura.

Fuq din il-bażi, l-UE u l-Kanada jikkondividu relazzjoni ekonomika profonda u dinamika. Għall-UE, il-Kanada tikklassifika bħala t-12-il sieħeb kummerċjali l-aktar sinifikanti, filwaqt li l-UE hija t-tieni l-akbar sieħeb kummerċjali tal-Kanada. Għalkemm is-CETA huwa FTA komprensiv li jipprevedi impenji sostanzjali għall-kummerċ ta' oġġetti u servizzi bejn il-partijiet, ma jipprevedix regoli komprensivi dwar il-kummerċ diġitali, peress li l-UE ma pproponietx tali regoli f'dan ir-rigward lis-sħab fin-negozjati tagħha fiż-żmien tan-negozjati ta' dan l-FTA. Minn dak iż-żmien, l-UE żviluppat aktar regoli dwar il-kummerċ diġitali li japplikaw għar-relazzjonijiet bilaterali tagħha ma' diversi sħab kummerċjali, inkluż mar-Renju Unit, iċ-Ċili, New Zealand, Singapore u l-Korea. In-nuqqas ta' regoli moderni dwar il-kummerċ diġitali ġie identifikat ukoll bħala nuqqas fl-istudju li jappoġġa l-evalwazzjoni *ex post* tas-CETA fir-rigward tal-kapitolu tiegħu dwar il-kummerċ elettroniku⁹.

In-negozjar tar-regoli tal-kummerċ diġitali mal-Kanada jippreżenta potenzjal sostanzjali li jinħolqu opportunitajiet ġodda għan-negozji u l-konsumaturi tal-UE, b'mod partikolari billi jiġi ffaċilitat l-operat tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u tissaħħaħ il-fiduċja tal-konsumatur fl-ambjent online. Fl-2024, il-Kanada kienet fit-13-il post fil-klassifikazzjoni tal-Kompetittività Diġitali Dinjija tal-IMD¹⁰. Barra minn hekk, il-kummerċ annwali f'oġġetti u servizzi bejn l-UE u l-Kanada ġie vvalutat għal aktar minn EUR 75,6 biljun¹¹.

In-negozjar ta' DTA vinkolanti biex tiġi approfondita r-relazzjoni ekonomika bejn l-UE u l-Kanada jista' jsaħħaħ b'mod sinifikanti l-kooperazzjoni bilaterali fl-ekonomija diġitali. Il-kummerċ bejn l-UE u l-Kanada f'servizzi pprovduti diġitalment diġà għandu rwol sostanzjali u jammonta għal esportazzjonijiet u importazzjonijiet bilaterali ta' EUR 9,9 biljun u ta' EUR 8,4 biljun, rispettivament¹². In-negozjar b'suċċess tar-regoli dwar il-kummerċ diġitali jsaħħaħ il-fiduċja u jipprovdi ċertezza legali biex jiġu konnessi l-ekonomiji diġitali tal-UE u tal-Kanada.

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/38 tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, ĠU L 11, 14.1.2017, p. 1080, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2017/38/oj>

⁸ G7 Trade Ministers' Digital Trade Principles, <https://www.gov.uk/government/news/g7-trade-ministers-digital-trade-principles>

⁹ Study in support of an ex-post evaluation of CETA - Final Report, <https://circabc.europa.eu/ui/group/09242a36-a438-40fd-a7af-fe32e36cbd0e/library/9af74247-45cc-449b-bd75-8b3557f3508c/details>

¹⁰ Ir-riżultati tal-klassifikazzjoni tal-2024 tal-Kompetittività Diġitali Dinjija tal-IMD. [World Digital Ranking Results - IMD business school for management and leadership courses](https://www.imd.com/en/insights/world-digital-ranking-2024)

¹¹ Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Il-kummerċ bejn l-UE u l-Kanada: fatti u ċifri. [Kummerċ bejn l-UE u l-Kanada: fatti u ċifri — Consilium](https://ec.europa.eu/economy_finance/kanada_en)

¹² Study in support of an ex-post evaluation of CETA - Final Report, <https://circabc.europa.eu/ui/group/09242a36-a438-40fd-a7af-fe32e36cbd0e/library/9af74247-45cc-449b-bd75-8b3557f3508c/details>

Bin-negozjar ta' DTA vinkolanti, l-UE u l-Kanada jistgħu jkomplu jsaħħu l-pożizzjonijiet tagħhom bħala pijunieri fl-ekonomija diġitali, filwaqt li jiżguraw tkabbir reċiproku, kompetittività fit-tul u sigurtà ekonomika f'xenarju globali dejjem aktar konness.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

L-inizjattiva tibni fuq it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) li jistipula li l-UE għandha “tinkoraġġixxi l-integrazzjoni tal-pajjiżi kollha fl-ekonomija dinjija, permezz tat-tneħħija progressiva tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali”.

L-inizjattiva hija konsistenti mar-rieżami tal-politika kummerċjali tal-Kummissjoni ta' Frar 2021, li jħabbar l-intenzjoni li jiżdied l-involvement bilaterali u li jiġu esplorati oqfsa aktar b'saħħithom għall-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet diġitali relatati mal-kummerċ ma' sħab tal-istess fehma u li jiġu approfonditi d-djalogi regolatorji tagħha ma' sħab tal-istess fehma¹³.

Barra minn hekk, hija konsistenti mal-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE, li tiddeskrivi strateġiji biex jiġu diversifikati u msaħħa l-ktajjen tal-provvista billi tiġi żviluppata firxa ġdida ta' sħubijiet ta' kummerċ u investiment nodfa¹⁴.

Hija tallinja wkoll mal-Istrateġija ta' Sigurtà Ekonomika tal-UE, li tenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' sħab tal-istess fehma madwar id-dinja, kemm bilateralment kif ukoll multilateralment¹⁵.

L-inizjattiva hija konsistenti mal-Istrateġija Diġitali Internazzjonali li tiddikjara li l-kompetizzjoni globali attwali għas-supremazija teknoloġika, l-ebda nazzjon individwali ma jeċċella f'kull aspekt tal-katina tal-valur tat-teknoloġija. Ix-xenarju qed jevolvi l-ħin kollu minħabba l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni. Għalhekk, il-kollaborazzjoni u l-kummerċ internazzjonali ma' sħab u alleati ewlenin, flimkien ma' strateġiji effettivi ta' diversifikazzjoni u tal-ġestjoni tar-riskju, huma essenzjali għall-avvanz tal-oġettivi teknoloġiċi u diġitali tal-UE¹⁶.

Hija konsistenti u tikkomplementa s-CETA, li kien diġà saħħaħ u lliberalizza r-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada, iżda li ma jipprevedix regoli komprensivi dwar il-kummerċ diġitali. Fis-Summit bejn l-UE u l-Kanada fit-23 ta' Ġunju 2025, l-Unjoni Ewropea u l-Kanada qablu li jimmodernizzaw l-approċċ tagħhom għall-kummerċ billi jniedu ħidma lejn Ftehim dwar il-Kummerċ Diġitali li jikkomplementa s-CETA¹⁷.

Fin-negozjati tagħha dwar il-kummerċ ħieles l-UE dejjem tippreżenta dixxiplini regolatorji ambizzjużi. Id-direttivi ta' negozjati proposti jsegwu approċċ konsistenti ma' dak li l-UE segwiet fin-negozjati reċenti tagħha dwar id-DTA ma' Singapore u l-Korea¹⁸. Bl-istess mod, id-direttivi ta' negozjati proposti jsegwu l-approċċ segwit fin-negozjati tal-FTA, inkluż dak konkluż l-aktar reċentement mar-Renju Unit fil-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni

¹³ COM(2021) 66 final (18.2.2021).

¹⁴ Il-Kummissjoni Ewropea Il-boxxla għall-kompetittività [Il-Boxxla għall-Kompetittività — Il-Kummissjoni Ewropea](#)

¹⁵ JOIN(2023) 20 final (20.06.2023).

¹⁶ ARES(2025)3716570 (07.05.2025).

¹⁷ Il-Kummissjoni Ewropea [Joint Statement following the European Union - Canada 2025 Summit: Enduring Partnership, Ambitious Agenda.](#)

¹⁸ COM(2023) 230 final 9 (14.04.2023).

bejn l-UE u r-Renju Unit, maċ-Ċili fil-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-UE u ċ-Ċili, u ma' New Zealand fil-FTA bejn l-UE u New Zealand.

Il-proposta hija konsistenti ma' u tibni fuq is-Sħubija Diġitali mal-Kanada, li tipprovdi qafas mhux vinkolanti għall-kooperazzjoni regolatorja dwar kwistjonijiet diġitali u l-kooperazzjoni fir-riċerka dwar kwistjonijiet diġitali kif ukoll proġetti konġunti ta' infrastruttura diġitali.

Il-proposta hija konsistenti wkoll ma' u tibni fuq il-Prinċipji tal-Kummerċ Diġitali tal-G7 li jenfasizzaw l-importanza li titrawwem ekonomija diġitali miftuħa, ġusta u sigura li tappoġġa l-innovazzjoni u t-tkabbir.

Fl-aħħar nett, il-proposta hija konsistenti mal-eżitu tan-negozjati konklużi dwar Ftehim plurilaterali dwar il-Kummerċ Elettroniku.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Id-direttivi ta' negozjati jibnu fuq, u huma kompletament konformi mal-leġislazzjoni tal-UE dwar is-suq intern fil-qasam tal-kummerċ diġitali. Id-direttivi ta' negozjati proposti jikkonfermaw ukoll li kwalunkwe regola jew impenn maqbul mill-UE jenħtieġ li jkun konformi mal-qafas legali tal-UE u jenħtieġ li jippreserva l-ispazju ta' politika meħtieġ biex tiġi implimentata l-leġislazzjoni tal-UE. Dawn huma konsistenti mad-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali, iffirmata mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill, u mill-Kummissjoni Ewropea fil-15 ta' Diċembru 2022 u li l-UE biħsiebha tippromwovi fir-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali tagħha¹⁹. Dan huwa allinjat mal-oġettivi stabbiliti mill-Istrateġija Diġitali Internazzjonali tal-UE li tiggwida t-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa globalment.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

- **Bażi legali proċedurali**

Il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati tal-ftehim previst hija l-Artikolu 218(3) u (4) tat-TFUE.

L-Artikolu 218(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li, meta l-ftehim previst ma jkunx relatat esklużivament jew prinċipalment mal-politika estera u ta' sigurtà komuni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati u li tinnomina n-negozjatur tal-Unjoni jew il-kap tat-tim tan-negozjati tal-Unjoni.

L-Artikolu 218(4) TFUE jipprevedi li l-Kunsill jista' jindirizza direttivi ta' negozjati lin-negozjatur u jista' jaħtar kumitat speċjali li n-negozjati jridu jitwettqu b'konsultazzjoni miegħu.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li jinfetħu negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada għal ftehim internazzjonali relatat mal-kummerċ diġitali. Il-Kummissjoni tiġi nnominata negozjatur.

- **Bażi legali sostantiva**

Dan l-att jaqa' taħt il-politika kummerċjali komuni u għalhekk il-bażi legali sostantiva hija l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

¹⁹ Id-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali 2023/C 23/01, ĠU C 23, 23.1.2023, p. 1-7.

- **Għażla tan-negozjatur**

Peress li l-ftehim previst ikopri esklużivament kwistjonijiet oħra għajr il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, il-Kummissjoni trid tinħatar bħala n-negozjatur skont l-Artikolu 218(3) tat-TFUE.

- **Kompetenza tal-Unjoni**

Dan l-att jaqja' taħt il-politika kummerċjali komuni skont l-Artikolu 207 tat-TFUE. Għalhekk jaqja' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 3(1) TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Skont l-Artikolu 5(3) tat-TUE, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax fl-oqsma tal-kompetenza esklużiva tal-UE. Il-politika kummerċjali komuni hija qasam ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni skont l-Artikolu 3(1) tat-TFUE.

- **Proporzjonalità**

Din l-inizjattiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi segwiti.

- **Għażla tal-istrument**

Din ir-rakkomandazzjoni għal deċizzjoni tal-Kunsill hija ppreżentata f'konformità mal-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 218 TFUE, li jipprevedu l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċizzjoni li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati u n-nomina ta' negozjatur tal-Unjoni. Il-Kunsill jista' jindirizza wkoll direttivi ta' negozjati lin-negozjatur. Ma jeżisti l-ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġġettiv espress f'din ir-rakkomandazzjoni.

3. EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Is-sejbiet fl-istudju li jappoġġa l-evalwazzjoni *ex post* tas-CETA, ippubblikat f'Ġunju 2025, juru li l-kapitolu dwar il-kummerċ elettroniku tas-CETA huwa limitat fl-ambitu tiegħu u ma laħħaqx mal-politiki tal-UE li qed jevolvu, u b'hekk id-dispożizzjonijiet tiegħu saru skaduti u inqas komprensivi minn dawk fi ftehimiet aktar reċenti²⁰. Ftehimiet reċenti tal-UE, inkluż l-aktar ftehimiet dwar il-Kummerċ Diġitali reċenti ma' Singapore u l-Korea, jippreżentaw impenji sinifikanti li jaqbuż lil dawk li jinsabu fis-CETA. Dawn il-ftehimiet jinkludu diversi aspetti, inklużi l-flussi transfruntiera tad-data, il-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali, id-dazji doganali fuq it-trażmissjonijiet elettroniċi, il-fiduċja tal-konsumatur online, il-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni mhux mitluba, id-data tal-gvern miftuħa, u l-kooperazzjoni regolatorja dwar il-kummerċ diġitali, li jirriflettu kopertura usa' u impenji aktar b'saħħithom. Il-partijiet ikkonċernati indikaw dan id-distakk bħala qasam kritiku li jeħtieġ titjib urġenti. Bl-istess mod, l-Inizjattiva tad-Dikjarazzjoni Konġunta tad-WTO dwar il-Kummerċ Elettroniku, li n-negozjati tagħha tlestew f'Lulju 2024 u li ġiet approvata kemm mill-UE kif ukoll mill-Kanada, tkompli tenfasizza d-distakk bejn id-dispożizzjonijiet tas-CETA u ż-żieda fl-istandards globali tal-kummerċ diġitali.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-proposta tibni fuq l-għarfien miġbur matul l-evalwazzjoni *ex post* tas-CETA, fejn il-partijiet ikkonċernati pprovdew feedback siewi dwar l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza u l-

²⁰ Study in support of an ex-post evaluation of CETA - Final Report, <https://circabc.europa.eu/ui/group/09242a36-a438-40fd-a7af-fe32e36cbd0e/library/9af74247-45cc-449b-bd75-8b3557f3508c/details>

koerenza tal-ftehim. Dan il-proċess ta' evalwazzjoni kien jinkludi Sejħa għal Evidenza ppubblikata f'Marzu 2024, li tiżgura valutazzjoni bir-reqqa tal-impenji bilaterali dwar il-kummerċ diġitali.

Il-partijiet ikkonċernati diġà kienu involuti b'mod attiv permezz ta' diversi mezzi f'dan il-kuntest, bħad-djalogi tas-soċjetà ċivili fl-2024 u fl-2025, konsultazzjoni pubblika online komprensiva ta' 12-il ġimgħa disponibbli għall-partijiet ikkonċernati kemm fl-UE kif ukoll fil-Kanada, u sħarriġ online mmirat lejn l-utenti kummerċjali, inklużi l-SMEs. Barra minn hekk, saru intervisti ma' partijiet ikkonċernati magħżula biex jitqiesu esperjenzi speċifiċi relatati mal-kummerċ diġitali.

Permezz ta' dawn il-konsultazzjonijiet, il-partijiet ikkonċernati kellhom opportunitajiet jesprimu l-perspettivi tagħhom, filwaqt li jiżguraw li l-approċċ tal-Kummissjoni jallinja mal-interessi u l-ħtiġijiet kollettivi kemm tal-entitajiet tal-UE kif ukoll ta' dawh Kanadiżi. Dan il-proċess konsultattiv jenfasizza n-natura kollaborattiva tal-iżvilupp tal-politika kummerċjali u jirrifletti l-impenj li tkun bbażata fuq perspettiva komprensiva tal-partijiet ikkonċernati b'mod trasparenti u parteċipattiv.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-kuntest dwar ir-relazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u l-Kanada fil-kummerċ diġitali huwa pprovdut fid-dokument ta' ħidma tal-persunal dwar l-evalwazzjoni *ex post* tas-CETA. Ma sarix valutazzjoni tal-impatt tal-inizjattiva minħabba d-diffikultà biex jitkejjel l-impatt ekonomiku tagħha meta mqabbel mas-sitwazzjoni eżistenti. Minħabba li l-qafas tal-kummerċ diġitali se jibni fuq ir-relazzjonijiet kummerċjali diġà stabbiliti u liberalizzati skont il-ftehimiet eżistenti, din l-inizjattiva sservi prinċipalment biex issaħħaħ iċ-ċertezza legali għall-operaturi tal-kummerċ diġitali. Barra minn hekk, l-ambitu għal approċċi alternattivi huwa limitat, peress li d-dixxiplini tan-negozjati maħsuba jallinjaw mill-qrib ma' dawh diġà stabbiliti fl-FTAs tal-UE mar-Renju Unit, maċ-Ċili, u ma' New Zealand, mal-Ftehimiet dwar il-Kummerċ Diġitali ma' Singapore u mal-Korea, u mal-Ftehim tad-WTO dwar il-Kummerċ Elettroniku.

L-inizjattiva ma tinkludix pjan ta' implimentazzjoni f'dan l-istadju, peress li l-ispeċifiċitajiet se jsiru ċari biss mal-konklużjoni tan-negozjati.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

L-inizjattiva tirrispetta bis-sħiħ il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 dwar il-protezzjoni tad-data personali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-inizjattiva ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Id-dispożizzjonijiet għandhom li jirrakkomandaw li l-Kunsill jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati u li jinnomina n-negozjatur tal-Unjoni. Il-Kunsill jista' jindirizza direttivi lin-negozjatur.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim dwar il-kummerċ diġitali mal-Kanada

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea u l-Kanada għandhom relazzjoni ekonomika profonda u dinamika. Il-Kanada hija sieħba kummerċjali sinifikanti u sieħba strateġika mill-qrib tal-Unjoni Ewropea. Il-Ftehim ta' Kummerċ ħieles tal-Unjoni Ewropea mal-Kanada ilu fis-seħħ proviżorjament mill-2017. Dan il-Ftehim ta' Kummerċ ħieles jipprevedi impenn sostanzjali lejn il-kummerċ f'oġġetti u servizzi bejn il-partijiet, iżda ma jinkludix regoli komprensivi dwar il-kummerċ diġitali.
- (2) F'Ottubru 2021, l-Unjoni Ewropea u l-Kanada approvaw b'mod konġunt il-Prinċipji tal-Kummerċ Diġitali tal-G7 fil-qafas tal-G7, u komplew japprofondixxu l-kooperazzjoni tagħhom billi nedew Sħubija Diġitali f'Novembru 2023.
- (3) F'Ġunju 2025, fl-okkażjoni tas-Summit bejn l-UE u l-Kanada, l-Unjoni Ewropea u l-Kanada qablu li jimmodernizzaw l-approċċ tagħhom lejn il-kummerċ billi jniedu ħidma fuq Ftehim dwar il-Kummerċ Diġitali li jikkomplementa l-Ftehim ta' Kummerċ ħieles tal-Unjoni Ewropea mal-Kanada.
- (4) L-Unjoni Ewropea inkorporat b'suċċess ir-regoli dwar il-kummerċ diġitali f'diversi ftehimiet bilaterali ta' kummerċ ħieles ma' pajjiżi terzi, kif ukoll Ftehimiet dwar il-Kummerċ Diġitali ma' Singapore u l-Korea. Barra minn hekk, in-negozjati dwar Ftehim plurilaterali dwar il-Kummerċ Elettroniku fid-WTO tlestew f'Lulju 2024 u għadha għaddejja il-ħidma biex dan il-ftehim jiġi inkorporat fil-qafas legali tad-WTO. Għalhekk, huwa xieraq li l-Kummissjoni tiġi awtorizzata tiftaħ negozjati dwar dixxiplini kummerċjali diġitali vinkolanti li jkunu koerenti ma' dawn il-ftehimiet u li jsegwu l-istess objettivi li l-Unjoni Ewropea biħsiebha tikseb fin-negozjati li għaddejjin,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni, għal ftehim dwar il-kummerċ diġitali mal-Kanada.
2. In-negozjati għandhom jitmexxew abbażi tad-direttivi ta' negozjati tal-Kunsill stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija b'dan maħtura b'ħala n-negozjatur tal-Unjoni.

Artikolu 3

In-negozjati għandhom jitwettqu b'konsultazzjoni mal-kumitat speċjali previst fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 207(3) tat-TFUE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President